A.L. 123 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2006 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science – B.Sc. – u Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2006 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda ma' l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2005 jew wara.

Emenda għall-ordinament 10 ta' l-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) ta' l-ordinament 10 ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“10. (1) It-Tieni Parti tikkonsisti f’taqsimiet studju li għalihom hemm 60 kredtu assenjati mqassma kif ġej:

(a) 34 kredtu f’qasam ta’ studju li minnhom 18-il kredtu huma assenjati għal taqsima studju proġett; u

(b) 26 kredtu fil-qasam ta’ studju l-ieħor.”